MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 206/2012

**Appell Numru: 206/2012**

**Il-Pulizija**
**Spettur Victor Aquilina**

**Vs**

**George Azzopardi**

Illum, 23 ta' Jannar, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat George Azzopardi, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 63179M talli:

(i) F'dawn il-gżejjer fil-24 ta' Jannar 2009, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess

t'awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanża, u meta' ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżżat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor, bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornitu lilu għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanża Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta ;

(ii) Naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PC1319 Matthew Xuereb waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew li ma ħallieħx jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iii) Talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-rtikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenżi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jinbiddlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' April, 2012, fejn il-Qorti laqghet l-eccezzjoni sollevata mill-imputat tan-ne bis in idem u kwindi astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fit-2 ta' Mejju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan minħabba li d-deċiżjoni tal-Qorti fejn laqat l-eċċezzjoni tan-*ne bis idem,* kienet konsegwenza ta' interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata ta' l-ipotesi tal-liġi u minflok, tgħaddi biex tiddeċiedi l-appell skond il-Liġijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha hawn fuq riferita fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-każ, inter alia għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi, senjatament fir-rigward tal-priċipju tan-*ne bis in idem*, u dan għar-raġunijiet segwenti :

Illi preliminarjament jingħad illi filwaqt li l-appellant ma jeskludix l-esistenza ta' dawn il-proċeduri li seħħew u li effettivament inqataw ma taqbilx pero li wieħed jista japplika l-prinċipju ta' *ne bis in idem* kif qed jiġi ritenut f'dan il-każ u dan għas-segwenti raġunijiet.

Illi kif ġie anki rikonoxxut mill-ewwel Qorti jekk isir referenza għad-diċitura tal-liġi konċernanti l-kunċett ta' *ne bis in idem*, naraw li dan il-priċipju huwa indikat kemm fil-Kodiċi Kriminali kif ukoll fil-Kostituzzjoni ta' Malta u dan fl-artikolu 527 u l-artikolu 39(9) rispettivament. Dan jinqraw kif ġej:

*527. 'Wara sentenża li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax <u>għall-istess fatt</u> ikun suġġett għal kawża oħra.'*

*39(9). 'Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa tgħaddi proċeduri <u>għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor</u> **<u>li għaliħ setgħat tiġi misjuba ħatja</u>**[1] fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat;...'*

[1] Emfazi tal-appellant.

Illi jekk inqablu d-diċitura ta’ dawn iż-żewġ disposizzjonijiet naraw li fil-Kodiċi Kriminali jitqies il-‘fatt’ jew il-mertu tal-każ ai fini ta’ din il-konsiderazzjoni filwaqt li fil-Kostituzzjoni tagħha, liema liġi hija kkunsidrata bħala l-liġi suprema ta’ pajjiżna, r-riferiment isir għar-reat kriminali. Għaldaqstant jidher li in vista tad-diċitura tal-Kostituzzjoni sabiex jitqies jekk japplikax il-priċipju o meno trid isir referenza kemm għall-fatti kif ukoll għar-reat kriminali formanti l-mertu tal-fatt u kwindi anki l-elementi tar-reati iridu jittieħdu in konsiderazzjoni.

Illi jekk wieħed jagħmel referenza għas-sentenza esebita in atti konċernanti l-każ maqtugħ kontra l-appellat wara l-ammissjoni tiegħu[2] huwa evidenti u ċar illi rigward l-akkuża tad-droga, din f’ebda mod ma tirriżulta. Huwa minnu illi ċ-ċirkostanżi fejn irriżutat ir-responsabbilta’ tal-akkużat kemm fil-konfront tar-reati dwar il-lottu klandestin kif ukoll dwar ir-reat tad-droga, kienu l-istess iżda l-ebda Qorti ma tista’ tasal tgħid illi qed nitrattaw l-istess tip ta’ reat jew li hemm l-applikazzjoni tal-istess elementi fir-reati ravviżati f’akkuża u f’oħra. Dan qed jingħad ukoll in vista tal-fatt li l-ewwel Qorti għamlet diversi referenzi għall-każ Pulizija vs Nicolai Magrin deċiż mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili[3] fejn għal kull buon fini jingħad li ċ-ċirkostanzi hemmhekk kienu kemxejn differenti apparti l-fatt li din il-kawża mhiex *res judicata* ai finijiet u għall-effetti kollha tal-liġi. B’hekk *prima facie* iż-żewġ kawżi indipendentement mill-fatt li qed nitkellmu fuq l-istess ċirkonstanzi jittrattaw reati differenti għal kollox u assolutament distinti minn xulxin.

Illi b’referenza għad-diċitura tal-liġi kif ukoll għas-sentenza appellata jingħad li l-ewwel Qorti donnha interpretat l-artikolu 39(3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta fis-sens illi in-*ne bis in idem* tirriżulta fir-rigward ta’ akkużi li jirriżultaw mill-istess ċirkostanzi tal-każ u kwindi li setgħu taw lok għal proċedura waħda u mhux proċeduri separati. Donnha l-ewwel Qorti ħadet spont ta’ dan kemm minn dak mistħoqq fis-sentenza ta’ Magrin kif ukoll mill-frażi fid-disposizzjoni

[2] Dok GA – folio 12 tal-proċess.
[3] Imħallef Joseph Micallef – 26 ta’ Marzu 2009.

tal-Kostituzzjoni li tagħmel referenza għal reati li għalihom l-akkużat li jkun seta' jinstab ħati. L-ewwel Qorti qieset li peress li għal xi raġuni l-appellat Azzopardi ssubixxa żewġ proċeduri indipendenti għal xulxin meta' filfatt konsiderando li si tratti tal-istess ċirkostanzi, hu seta' kellu każ wieħed bl-akkużi kollha inkorporati ġo fiha, dan wassal għal preġudizzju fil-konfront tiegħu mingħajr l-ebda raġuni valida u b'hekk peress li seta' ġie mixli bir-reat tad-droga flimkien mal-każ tal-lottu klandestin tirriżulta n-*ne bis in idem*.

Illi b'kull dovut rispett l-esponent Avukat Ġenerali ma jistax jaqbel ma din l-interpretazzjoni u lanqas ma jista jaċċetta li dak huwa l-ispirtu tal-liġi intenzjonat kemm mid-disposizzjoni taħt il-Kodiċi Kriminali kif ukoll minn dik taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta. L-appellant umilment jissottometti li b'tali frasi (*għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor* ***li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja***) il-leġislatur ried ifisser dawk ir-reati li huma jew kompriżi u nvoluti jew alternattivi skond il-liġi fl-akkużi effettivament miġjuba kontra dak li jkun. B'hekk jekk per eżempju persuna tkun mixlija bir-reat ta' tentattiv t'omiċidju f'każ wieħed u għall-istess ċirkostanzi u fatt ikun mixli f'każ ieħor għal ferita gravi l-argumentazzjoni tal-appellat fir-rigward tan-*ne bis in idem* tkun waħda valida hawnhekk, u dan peress li wieħed huwa kompriż u nvolut fl-ieħor.

Illi allura bl-istess argument u b'kontro sens l-ewwel Qorti kellha ssaqsi lilha nnifisha jekk ir-reat tal-pussess tad-droga kienx wieħed li seta' kien kompriż u nvolut jew alternattiv għal dak tal-lottu klandestin jew għal kwalunwe reat li bih ġie mixli fil-każ mertu ta' din l-eċċezzjoni. M'hemm l-ebda dubbju li l-elementi ta' dawn ir-reati huma totalment differenti u s-sejbien ta' ħtija jew l-liberatorja minn waħda ma tista qatt tiġi nterpretata li twassal għas-sejbien ta' ħtija jew liberatorja tal-oħra. Lanqas ma kien il-każ hawnhekk li l-flus li nstabu fil-pussess tal-akkużat kienu b'xi mod konnessi ma' dik id-droga u f'dak il-każ lanqas ma hemm prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni f'dak is-sens.

Illi filwaqt li huwa minnu li l-prosekuzzjoni setgħet iminimizzat il-proċeduri kontra l-appellat u setgħet tiftaħ kawża waħda bl-akkużi kollha inkorporati ġo fiha, il-fatt li dan ma sarx u il-fatt li l-akkużi ta' kawża waħda m'għandhom l-ebda rabta fl-elementi ta dawn l-akkużi miġjuba fil-kawża odjerna, ma jistax jintuża bħala argument in sostenn tal-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem*. Kien ikun differenti li kieku l-akkużi fiż-żewġ proċeduri kienu identiċi jew faċilment kompriżi u nvoluti f'xulxin, purche li jkunu jittrattaw l-istess ċirkostanzi. Il-fatt li skond il-Qorti, l-appellat sofra preġudizzju għax ma saritx kawża waħda iżda tnejn lanqas ma tista tagħti saħħa lill-eċċezzjoni difenzjonali imqajjma u li ġiet sostnuta mill-ewwel Qorti.

Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, fir-rigward tat-tieni akkuża miġjuba kontra l-appellat din tittratta l-applikazzjoni tal-artikolu 338(ee) li effettivament inġagħbet bħala waħda mill-akkużi kontra l-appellat fil-każ maqtugħ kontrih. Jingħad ukoll illi hu la nstab ħati u lanqas ma ġie lliberat minn din l-akkuża u dan peress illi l-prosekuzzjoni fil-każ kontra Azzopardi li ingħata fit-18 ta' Ġunju 2010, irtirat din l-akkuża minħabba li ġiet preskritta. Kwindi l-Qorti f'dak il-każ ma tat l-ebda *decide* fuq din l-akkuża. B'hekk salv għal kwalunkwe eċċezzjoni ta' preskrizzjoni li tista titqajjem fil-kawża odjerna fil-każ mertu ta' dan l-appell, lanqas ma jista jingħad li hemm in–*ne bis in idem* fir-rigward ta' din l-akkuża peress illi din l-akkuża ġiet irtirata mill-prosekuzzjoni u b'hekk appellat qatt ma ġie ttrattat dwarha. Dan jidher ċar ukoll mid-diċitura tas-sentenza li filfatt ma tittrattax din l-akkuża ai fini tad-*decide*. B'referenza għad-diċitura tal-liġi kemm taħt il-Kodiċi Kriminali kif ukoll taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta, il-fatt waħdu li kien hemm akkuża mijiex bizzejjed sabiex jiġi eċċepit in-*ne bis in idem* għax l-akkuża in kwistjoni trid tkun marbuta ma sejbien ta ħtija jew liberatorja fil-konfront tagħha.

Illi finalment ai fini tal-addebitu tar-reċidiva din il-Qorti tapprezza indubjament li din hija ċirkostanzjali għas-sejbien ta' ħtija tal-akkużi l-oħra kif miġjuba u għaldaqstant in vista tas-sottomissjonijiet hawn fuq

magħmula u in sostenn ta’ dawk l-argumentazzjonijiet dan l-addebitu għandu jibqa validu sabiex jiġi applikat mill-Qorti li finalment tippresjedi l-każ odjern fuq il-mertu ġaladarba l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* tiġi rtirata.

Għaldaqstant, għall-motivi suesposti u għar-raġunijiet l-oħra kollha li jistgħu jirriżultaw fit-trattazjoni ta` dan l-appell, l-esponent, filwaqt li jinterponi appell mis-sentenza mogħtija nhar is-17 ta’ April 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi (is-“sentenza”), u filwaqt li jagħmel riferenza għall-atti tal-kawża, jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan minħabba li d-deċiżjoni tal-Qorti fejn laqat l-eċċezzjoni tan-*ne bis idem,* kienet konsegwenza ta’ interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata ta’ l-ipotesi tal-liġi u minflok, tgħaddi biex tiddeċiedi l-appell skond il-Liġijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fl-24 ta’ Jannar, 2009 waqt osservazzjoni illi kienet qed issir fuq residenza fil-Mellieha mill-membri ta’ l-Iskwadra ta’ Kontra d-Drogi ghal fini ta’ suspett dwar reati bi ksur tal-Ligijiet dwar id-droga gi nnutat li l-akkuzat diehel u hiereg mill-font inkwistjoni. Meta twaqqaf mill-pulizija wara li l-akkuzat telaq minn fuq il-post bil-vettura tieghu u wara tfitxija li saret f’din l-istess vettura rrizultaw diversi flejjes u xi karti nkonnessjoni mal-lottu klandestin. In oltre waqt li l-akkuzat kien qieghed jigi skortat mill-pulizija f’din l-istess vettura gie nnutat jarmi basket kontinenti sustanza bajdanija mal-genb tal-vettura u jarmiha barra mit-tieqa. L-akkuzat gie ordnat iwaqqaf il-vettura liema ordni pero’ ma giex obdut u fil-fatt kien il-pulizija li rnexxielhom iwaqfuh aktar il-quddiem. Di piu rrizulta li l-kontenut tal-basket illi kien rema l-akkuzat kien jikkontjenti madwar erba’ grammi kokaina. Invista ta’ dawn ir-rizultanzi l-akkuzat gie riferut mill-Ispettur tal-Vice Squad ghall-fini ta’ kwalunkwe procedument rigward il-lottu klandestin, filwaqt illi l-Iskwadra kontra d-droga esegwiet il-proceduri odjerni f’kawza separata kontra l-istess akkuzat. Irrizulta li meta bdiet tinstemgha din il-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati senjament fis-seduta

tat-8 ta' Novembru, 2011 id-difiza eccepiet il-principju tan-ne bis in idem fil-konfront ta' l-akkuzat quo appellat u dan peress li l-akkuza koncernti l-lotti klandestin kien inqata minn Qorti diversament preseduta wara li l-appellat ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba kontrih f'dik il-kawza u b'hekk ma setax jigi processat darbtejn fuq l-istess fatti. Dawn l-akkuzi kienu jirrigwardjaw reati li jaqghu taht id-dispozizzjonijiet dwar il-lottu klandestin, kif ukoll kontrovenzjonijiet taht il-kodici kriminali (l-Artiklu 338 (ee)) flimkien ma l-abbeditu tar-recidiva. Ghal fini ta' kjarifika jigi dikjerat li r-reat kontrovenzjonali kien preskritt kif rikonoxxut mill-prosekuzzjoni stess li rtirat l-akkuza u kif jidher mis-Sentenza li nghatat fir-rigward ta' din l-istess kawza. Sussegwentement wara li l-akkuzat zamm ferm ghall-eccezzjoni sollevata u mqajma minnu l-Qorti ghaddiet biex tilqa din l-eccezzjoni permzz ta' Sentenza inparte appellata tas-17 ta' April, 2012 u astjeniet milli tiehu konjezzjoni tal-kaz. L-Avukat Generali hassu agravatminn din is-Sentenza u minnha nterpona appell peress illi deherlu illi l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament zbaljat tal-Ligi meta kkunsidrat il-principju ta' "ne bis in idem".

Ikkunsidrat.

Il-principju ta' ne bis in idem huwa rikonoxxut u trattat fil-Ligi taghna fl-Artiklu 527 tal-Kodici Kriminali u fl-Artiklu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Artiklu 527 jghid, *"Wara Sentenza li f'kawza tillibera mputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun suggett ghal kawza ohra"*. L-Artiklu 39 (9) jghid, *"Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi Qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun giet misjuba hatja jew liberata ma ghandha terga tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat hlief wara ordni ta' Qorti Superjuri moghoti matul il-kors ta' appell jew proceduri ta' rivizjoni dwar id-dikjerazzjoni ta' htija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma ghandha tghaddi proceduri ghall-reat kriminali jekk turi li tkun hadet il-mahfra ghal dak ir-reat . . . ."*.

Ikkunsidrat.

L-ewwel Qorti tidher illi tat tifsira pjutost wiesgha ghall-fatt illi persuna tkun akkuzata ghall-istess fatt li tkun suggetta ghal kawza ohra, fil-fatt fis-Sentenza taghha qalet, *"Illi ma hemmx id-dubju illi r-reati li dwarhom instab hati l-imputat fis-Sentenza tat-18 ta' Gunju, 2010 u r-reati li dwarhom huwa jinstab akkuzat illum kollha jirreferu ghall-istess incident u cioe' l-istess fatti li sehhew fl-24 ta' Jannar, 2009."* Din il-Qorti tirrileva illi filwaqt illi tista tifhem illi hawn si tratt ghal dan l-istess incident zgur pero' mhux ghall-istess fatti.

Ikkunsidrat.

Dak illi gara fl-24 ta' Jannar, 2009 meta gie arrestat l-appellat jirreferi ghal zewg reati nettament distinti u separati minn xulxin. Wiehed jirreferi ghall-lottu klandestin u l-iehor jirreferi ghat-tehid tad-droga. Il-fatti u l-provi li jirreferu ghal wahda zgur ma jirreferux ghall-iehor. Hekk insibu illi fil-kaz tal-lottu klandestin il-provi jirreferu ghad-dokument, kotba, notamenti u flus illi nstabu fuq l-appellat dakinhar illi gie arrestat. Il-provi illi jirreferu ghall-akkuza kontrat l-Ordinanza tal-Medicini Perikoluzi jirreferi ghan-nuqqas ta' awtorizazzjoni ghal pusses ta' din id-droga u l-kwantita taghha u c-cirkostanzi illi kienet fil-pussess ta' l-appellat. L-ewwel Qorti gustament ikkwotat il-kawza *"Sua Maesta il-Re vs Agatha Mifsud u Carmelo Galea"* (15 ta' Gunju, 1918) fejn ikkwotat gurisprudenza Ingliza u cioe' *"The true test by which the question whether such a plea (ie autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second endowment would have been sufficient to proof a legal conviction upon the first."* F'dan il-kaz zgur li ma jistax jinghad illi l-provi migbura fit-tieni process, cioe' dan il-kaz kellhom ikunu bizzejed sabiex jippruvaw htija dwar l-ewwel reat, dak ta' lottu klandestin. Ghalhek ma nistghux nghidu illi hawnhekk si tratta ta' l-istess fatti u l-Artiklu 527 tal-Kodici Kriminali ma japplikax. Ghal dak li jirrigwardja l-Artiklu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-kliem testwali illi jorbot kollox huwa, *"Ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-*

*proceduri ghal dak ir-reat . . .”*. L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lil din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghall-akkuzi li dwarhom diga ghadda ingudikat jekk l-akkuzi l-godda setghu jigu nkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza. Per ezempju jekk ghall-istess fatt persuna tigoi misjuba hatja ta’ serq ma tistax tigi mresqa f’kawza ohra ghall-istess fatt din id-darba akkuzat b’misapproprazzjoni. Jghodd ukoll l-ezempju li gab l-Avukat Generali meta persuna tkun mixlija bir-reat ta’ tentattiv ta’ omicidju f’kaz wiehed u ghall-istess cirkostanzi u fatt ikun mixli f’kaz iehor ghal ferita gravi u dana peress illi wiehed huwa kompriz u nvolut fl-iehor. Forsi ghall-ahjar soluzzjoni ta’ din il-vertenza jkun ghaqli illi l-Qorti tirrikorri ghall-origini ta’ din id-dicitura ne bis in idem u cioe’ ghad-dritt Roman fejn dana jghallem illi, *“Nemo debet bis vexari si constat curie quodsit pro una et eadem causa”* Hadd ma ghandu jigi pprocessat darbtejn jekk jigi ppruvat lill-Qorti jekk dana huwa, *“For one and the same cause”*. Taht l-ebda tigbid ta’ l-immaginazzjoni ma nistghu nghidu illi l-akkuza kontra l-lottu klandestin hija l-istess bhall-akkuza kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Kif ga nghad ghad illi dan l-incident huwa wiehed il-persuna hija wahda pero’ l-fatti li jirrigwardjaw akkuza minnhom huma ferm differenti mill-fatti illi jirrigwardjaw it-tieni akkuza u zgur illi hawnhekk m’ghandniex one and the same cause. Ghal dak li jirrigwardja r-recidiva jigi rilevat illi dan l-addebitu mhuwiex reat izda se mai haga li tigi kkunsidrata ghal fini ta’ piena jekk ikun il-kaz ghax il-Qorti dejjem tista tikkonsidra jekk fl-ewwel Sentenza kontra l-appellat fit-18 ta’ Gunju, 2010 dan l-addebitu giex ikkunsidrat jew le.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa l-appell, thassar is-Sentenza in parte tas-17 ta’ April, 2012, tichad l-eccezzjoni tan- ne bis in idem u peress illi l-Qorti tal-Magistrati ma kkunsidratx il-mertu tordna illi l-Atti jintbghtu lill-Qorti tal-Magistrati sabiex l-appellat George Azzopardi jigi processat ghal dawn l-akkuzi skont il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------